MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 61/2005

Rose **Muscat;**

**vs**

**Paul Cauchi li b'digriet tal-14 ta' Ottubru 2005 ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer Karmenu sive Charlie u Rita konjuġi Cauchi;**
**U Paul u Angela konuġi Cauchi;**
**u b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2012,**
**Maria Grima ġiet kjamata in kawża.**

**Illum it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi l-attriċi tipposjedi ħabel raba' fil-kuntrada 'Tat-Triq tax-Xatt', magħrufa bħala 'Ta' Kusbejja' jew 'Tat-Troppu', fil-limiti tan-Nadur, Għawdex b'titolu in parti ċens u in parti qbiela, tal-kejl ta' ċirka tmien mitt metru kwadru (800mk) konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Cetta Saguna, min-nofsinhar u punent ma' beni ta' Maria Grima, li ġie mħolli lilha bi prelegat mingħand missierha l-mejjet Toni Cauchi permezz ta' testament pubblikat minn Nutar Giuseppi Cauchi data tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elf disa'mija wieħed u tmenin (1981);

Illi l-konvenuti huma fil-pussess ta' ħabel ieħor mill-istess raba tal-kejl ta' ċirka ħamest elef tmien mija u ħamsa u ħamsin metru kwadru (5855mk), konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Maria Grima, nofsinhar ma' beni ta' Maria Buttigieg u punent ma' Triq l-Imġarr, liema raba huwa possedut minnhom ukoll in parti b'titolu ta' enfitewsi u in parti b'titolu ta' qbiela – liema raba l-konvenuti wirtuha wkoll mingħand il-mejjet Toni Cauchi, missier il-konvenut bis-saħħa tal-istess testment;

Illi l-istess raba' tal-attriċi ma għandha l-ebda ħruġ għat-triq pubblika peress illi hija interkjuża u dejjem – ċioe' mindu seħħet id-diviżjoni materjali bejn ir-raba rispettiv kif sejjer jiġi spjegat aktar il-quddiem – kienet tgawdi dritt ta' passaġġ bir-riġel u bil-moħriet minn fuq r-raba' tal-konvenuti;

Illi ali interkjużura seħħet bis-saħħa tad-diviżjoni tar-raba bejn il-kontendenti, wara li huma wirtu l-istess raba mingħand missierhom u għalhekk fit-termini tal-artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenuti huma obbligati illi jagħtu u jikkonċedu d-dritt ta' passaġġ lir-raba tal-attriċi bir-riġel, bil-karru u bil-bhima mingħajr ebda kumpens;

Illi inoltre, b'żieda mad-dritt mogħti skont l-artikolu 448 – skont l-artikolu 447 tal-Kodiċi Ċivili, l-attriċi għandha kull dritt li teżiġi li l-konvenuti jikkonċedulha dritt ta' aċċess minn fuq ir-raba' tagħhom, preferibilment minn passaġġ minn fejn huma u l-antennati tagħha kienu ilhom żmien jgħaddu;

Illi f'xi żmien minnhom il-konvenuti mblokkaw il-passaġġ li minnu kienet tgħaddi l-attriċi, u issa qegħdin jirrifjutaw dan l-aċċess lill-attriċi bir-riżultat illi llum fil-preżent l-attriċi ma għandha l-ebda aċċess għar-raba' tagħha, u hija għalhekk kompletament interkjuża.

Talbet lill-konvenut proprio et nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi r-raba' tal-attriċi hija interkjuża ma għandha l-ebda aċċess għat-triq pubblika; kif ukoll illi l-istess interkjużura avverat ruħha wara d-diviżjoni materjali tar-arba rispettiv wara li dan ir-raba tħalla b'legat lill-kontendenti minn missierhom;

2. Tiddikjara għalhekk illi l-konvenuti huma obbligati skont il-liġi li jagħtuha l-aċċess meħtieġ sabiex hija tilħaq it-triq pubblika; u dan fit-termini tal-artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili;

3. In linea sussidjara, tiddikjara illi il-konvenuti għandhom fi kwalunkwe każ jipprovdu dan l-aċċess fit-termini tal-artikolu 447 tal-Kodiċi Ċivili, u dan prevja l-likwidazzjoni u ħlas ta' dak il-kumpes ġust u xieraq ili jista' jkun dovut lill-istess konvneuti;

4. Tikkundanna għalhekk lill-konvnetui sabiex jagħtu dana l-aċċess neċessarju lill-attriċi minn fuq ir-raba' tagħhom sabiex b'hekk l-attriċi jkollha ħruġ għat-triq pubblika, u preferibilment dana l-aċċess għandu jingħata mill-parti minn fejn l-attriċi u l-antenati tagħha kienu ilhom jgħaddu għal żmien twil, u dana okkorrendo permezz ta' perit nominat għall-istess fini;

5. F'każ illi tintlaqa' t-tielet talba u mhux it-tieni talba, tillikwida kwalunkwe kumpens talvolta dovut lill-konvenuti minħabba l-aċċess mogħti lill-attriċi;

B l-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja datata 12 ta' April 2005, l-ittra uffiċċjali datat Mejju 2005 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine li biha eċċepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-attriċi għandha tipprova li verament għandha titlu fuq l-art li skont iċ-ċitazzjoni hija tagħha. L-eċċipjenti jikkontendu li fil-fatt hija m'għandha l-ebda titlu dwarha.

2. Illi konsegwentement, l-attriċi m'għandha l-ebda dritt li tipproċedi b'din il-kawża u għaldaqstant din l-azzjoni għandha tiġi respinta mingħajr ebda kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

3. Illi fil-mertu, din il-kawża hija wkoll infondata fid-dritt u fil-fatt.

4. Illi m'huwiex minnu li l-uniku aċċess li l-attriċi tista' teżerċita għar-raba' posseduta minnha huwa mill-proprjeta' ta' l-eċċipjenti. Li kieku kellha tgħaddi mill-passaġġ mitlub fil-kawża, hija jkollha tgħaddi wkoll minn fuq raba' agrikola. Kif se jiġi ppruvat fil-kawża, hemm passaġġ alternattiv li jibda iżjed 'il fuq fi Triq Mġarr li jista' jintuża mill-attriċi - dan imiss eżattament mar-raba' tagħha.

5. Illi kemm–il darba l-attriċi tgħaddi minn dan il-passaġġ l-ieħor alternattiv, hija ma jkollhiex tgħaddi minn fuq raba' ta' ħaddiehor. Konsegwentement, dan il-passaġġ huwa iżjed komdu għall-attriċi u jikkawża inqas skumdita' lil terzi minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni.

6. Illi għalhekk m'hijex minnha l-allegazzjoni ta' l-attriċi fis-sens li r-raba' hi interkjuża.
7. Illi fil-fatt l-attriċi kienet tuża' dan il-passaġġ l-ieħor iżda billi kien qed ikollha ostakli dwar l-użu tiegħu, hija ddeċidiet li minflok tipproċedi kontra min kien qed joħolqilha l-ostakli, hija tipprova teżerċita l-passaġġ mertu ta' din il-kawża u ġġib titlu dwaru.

8. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kif se jiġi wkoll ippruvat fil-kawża, il-passaġġ ta' l-eċċipjenti ma kien qatt miftuħ għall-pubbliku jew inkella għall-użu ta' terzi. Tant hu hekk li dan kien dejjem magħluq b'bieb li jissakkar u kien biss il-konvenut Paul Cauchi li kien ikollu kontroll fuq dan il-bieb.

9. Illi fil-verita' dak li l-attriċi tagħmel riferenza għalih bħala passaġġ m'huwiex passaġġ iżda jikkonsisti f'entrata li fiha l-konvenut Paul Cauchi jpoġġi oġġetti personali tiegħu, inkluż makkinarju tar-raba'. Illi għalhekk din l-entrata ma tistax tiġi konvertita f'passaġġ miftuħ għal ħaddiehor.

10. Illi għalhekk din il-kawża għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut proprio et nomine maħlufa minnu.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju 2009.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012.

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru 2012 fejn ordnat il-kjamata fil-kawża ta' Maria Grima.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-kjamata fil-kawża Maria Grima li biha eċċepiet illi:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament l-attriċi għandha tipprova li verament għandha titlu fuq l-art li skont iċ-ċitazzjoni hija tagħha. L-eċċipjenti tikkontendi li fil-fatt hija m'għandha l-ebda titlu dwarha.

2. Illi konsegwentement, l-attriċi m'għandha l-ebda dritt li tipproċedi b'din il-kawża u għaldaqstant din l-azzjoni għandha tiġi respinta mingħajr ebda kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

3. Illi fil-mertu, din il-kawża hija wkoll infondata fid-dritt u fil-fatt.

4. Illi m'huwiex minnu li l-uniku aċċess li l-attriċi tista' teżerċita għar-raba' posseduta minnha huwa mill-proprjeta' ta' l-eċċipjenti. Kif se jiġi ppruvat fil-kawża, hemm passaġġ alternattiv li jibda iżjed 'il fuq fi Triq Mġarr liema passaġġ kien sa ftit żmien ilu jintuża mill-istess attriċi.

5. Illi dan il-passaġġ alternattiv, huwa l-istess passaġġ li l-esponenti għandha tgħaddi minnu sabiex taċċedi għall-proprjeta' tagħha. Fil-fatt, fl-eżerċizju ta' dan il-passaġġ, l-esponenti tgħaddi minn fuq il-proprjeta' posseduta mill-attriċi u li in konnessjoni magħha saret din il-kawża.

6. Illi inoltre, dan il-passaġġ huwa iżjed komdu għall-attriċi u jikkawża inqas skumdita' lil terzi minn dak mitlub fiċ-ċitazzjoni.

7. Illi għalhekk m'hijiex minnha l-allegazzjoni ta' l-attriċi fis-sens li r-raba' in kwistjoni hi interkjuża.

8. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kif se jiġi wkoll ippruvat fil-kawża, ir-raba' tal-konvenut Cauchi ma kienet qatt miftuħ għall-pubbliku jew inkella għall-użu ta' terzi. Tant hu hekk lid an kien dejjem magħluq b'bieb li jissakkar u kien biss il-konvenut Paul Cauchi li kien ikollu kontroll fuq dan il-bieb. Fil-verita' dak li l-attriċi tagħmel riferenza għalih bħala passaġġ m'huwiex passaġġ iżda jikkonsisti f'entrata li fiha l-konvenut Paul Cauchi jpoġġi oġġetti personali tiegħu, inkluż makkinarju tar-raba'.

9. Illi għalhekk din il-kawża għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat  id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess Maria Grima, minnha maħlufa.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob lill-Qorti tordna lill-konvenuti jagħtuha aċċess mir-raba tagħha għat-triq pubblika minn fuq ir-raba tagħhom. Dan qed titolbu a tenur ta' l-artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar fond li jsir magħluq minn kull naħa minħabba bejgħ, tpartit jew qasma, u alternattivament a tenur ta' l-artikolu 447 li jagħti d-dritt lil sid ta' fond interkjuz biex iġiegħel lis-sid tal-fond ta' ma' ġenbu biex jagħtih il-mogħdija meħtieġa bi ħlas ta' kumpens.

Il-konvenut proprio et nomine u l-kjamata fil-kawża qed jirrifjutaw li jagħtuha dan l-aċċess għal diversi raġunijiet kif indikat fin-Noti tal-Eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom.

Ġara illi bis-saħħa tat-testment tiegħu tat-8 ta' Ġunju 1981,[1] Toni Cauchi, missier il-kontendenti, kien iddispona għal wara mewtu billi qassam bejn uħud minn uliedu r-raba "tat-triq tax-Xatt" sive "ta' Kusbejja" limiti tan-Nadur, li kien jipposjedi. Din ir-raba ma kienitx tappartjeni lilu kollha in piena proprjeta', u nfatti jgħid fl-istess testment li in parti kienet tappartjeni lill-assi parafernali tiegħu jew lill-ko-akkwisti b'titolu ta' ċens temporanju, u in parti bi qbiela, u dana skont kif l-istess raba tidher maqsmua b'linja AF fuq pjanta li ġiet esebita ma' l-istess testment.[2] Fi kwalunkwe każ dan il prelegat kellu jinkludi wkoll xi sehem mill-istess raba li seta' jappartjeni l-assi tal-mejta martu. Lil bintu Cetta mart Joe Seguna ħalliehla ħabel mill-istess raba li jiġi l-aktar fuq it-tramuntana, lill-attriċi l-ħabel ta' taħtu, lil bintu oħra Maria mart Giusepp Grima dak li jiġi fin-nofsinhar tal-parti li ħalla lill-attriċi, u lill-konvenut Pawlu Cauchi u lil ħuh Carmelo ħallielhom il-kumplament. Lill-prelegatarji kollha pero' messithom biċċa mir-raba ċens kif ukoll mir-raba qbiela.

Meta miet il-missier l-aħwa kollha, ħlief il-konvenut Pawlu Cauchi, insertaw imsifrin, u għalhekk ir-raba baqgħet tinħadem biss mill-istess

[1] Atti Nutar G.Cauchi Dok. B a fol. 6 -7 tergo tal-process
[2] Ara kopja tagħha a fol.133 tal-process

konvenut. Meta imbagħad l-attriċi rritornat bil-familja mis-safar, il-porzjon li kien mess lilha beda jinħadem għall-ewwel minn żewġha, u wara mewtu, minnha u minn binha. L-aċċess għal dan il-porzjon kien isir minn diversi bnadi. Bir-riġel biss ġieli kien isir permezz ta' rampa minn taħt biċċa art fejn sussegwentement inbena belveder, drabi oħra minn fuq passaġġ li jagħti għat-triq pubblika minn fuq raba ta' terzi, kif ukoll mill-aċċess li r-raba ta' missier il-kontendenti kellu direttament għat-triq iżjed l-isfel fl-istess triq. Peress li dan l-aċċess kien jingħalaq permezz ta' bieba, l-attriċi li qatt ma ngħatat ċavetta għalih, kien ikollha toqgħod titlob lill-konvenut sabiex jiftħilha l-bieb, kull darba li riedet tidħol. Imma billi ma kienx ikun dejjem fil-post meta nsertat kienet tinżel hi fir-raba, it-tifel tagħha kien jaqbeż għal fuq il-bejt ta' xi kmamar li hemm fil-bidu ta' dan il-passaġġ u jiftaħ il-bieba minn ġewwa. Ġara' pero' illi f'xi żmien is-sid tar-raba li kellu l-aċċess tiegħu iżjed 'l fuq f'din it-triq u li minnu ġieli għaddiet l-attriċi, skont kif qalet hi b'mera tolleranza, qabad u għalaq l-aċċess huwa wkoll b'bieba fil-bidu ta' dan il-passaġġ u allura l-attriċi ma setgħetx tuża iżjed dan l-aċċess għar-raba tagħha. Kif ra hekk, il-konvenut oppona huwa wkoll li l-attriċi tibqa' tgħaddi mill-passaġġ t'isfel u għalhekk sakkar il-bieba minn ġewwa b'tali mod li l-attriċi spiċċat mingħajr ebda aċċess, ta' l-inqas bil-mohriet, għar-raba tagħha.

Mhux kontestat li r-raba tal-attriċi huwa interkjuż. Madankollu huwa evidenti illi ġialadarba din ir-raba oriġinarjament kellha aċċess dirett għat-triq meta kienet għadha f'idejn missier il-kontendenti, a tenur ta' l-artikolu 448 tal-kap.16 fuq imsemmi, wara li saret il-qasma *per destinazione di pater familias*, dawk li messewhom il-porzjonijiet li spiċċaw interkjużi kellhom kull dritt jippretendu li jingħataw mill-prelegatarji l-oħra ta' l-istess raba li messithom il-parti li tagħti għat-triq, aċċess minn fuq ir-raba tagħhom. Inutili jikkontendu l-konvenuti li l-attriċi għandha aċċess alternattiv għar-raba' tagħha minn fuq proprjeta' ta' terzi, ġialadarba, ir-raba kollha ta' missier il-kontendenti, li l-parti li messet lill-attriċi tifforma parti minnu, kellha minn dejjem aċċess dirett mit-triq. Kif insibu fil-ġurispudenza:

*"Trattandosi ta' servitu' li tiġi kkreata 'per destinazione del padre di famiglia'huwa veru li in mankanza ta' dikjarazzjoni espressa l-eżistenza tas-servitu' tiġi desunta mill-istat ta' fatt li l-pater familias ikun 'pose o lascia' u li*

*minħabba f'hekk mhux neċessarju li din il-volonta' tkun murija fl-att ta' trasferiment. Din il-presunzjoni hija ribattibbli bi provi kuntrarji."* [3]

Imma l-konvenuti ma ġabu l-ebda prova sodisfaċenti sabiex jirribattu din il-presunzjoni. Qalu biss li l-attriċi kemm il-darba aċċediet għar-raba tagħha minn bieb li hemm iżjed 'l fuq fl-istess triq, u li jagħti għal fuq raba' ta' terzi, biex tidħol fir-raba' tagħha.

Is-**servitu' ta' passaġġ** huwa klassifikat fil-liġi[4] u fid-dottrina bħala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddiehor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu. "***La servitu' di passaggio e' discontinuo per i suoi caratteri, e dalla legge e' collocata appunto fra le servitu' discontinue***."[5] Għalhekk servitu' bħal dan jista' jiġi akkwistat biss bis-saħħa ta' **titolu**.[6] "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu', sia esso una convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu' prediali***."[7]

Ma ġie pprovdut ebda' kuntratt li jagħti dan l-allegat dritt ta' aċċess għall-attriċi minn fuq raba' ta' terzi.

Eċċezzjonalment pero', servitu' simili jista' jiġi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirriżulta illi l-art dominanti hija interkjuża.[8] Ġie mgħallem pero' fid-dottrina ġuridika illi sabiex jiġi akkwistat dan id-dritt ta' passaġġ bil-preskrizzjoni trentennali*:"… non dovrebbesi in generale ammettere a domandare il beneficio largito dall'articolo 682* (simili għall-art.469(2) tagħna), *il proprietario che volontariamente avesse lasciato il proprio fondo chiudere da ogni parte, a ragion d'esempio, col fabbricare in giusa da privarsi, per l'immediato fatto della fabbrica, del passaggio con vettura*

[3] Appell Superjuri: Anthony Portelli vs Eucharistico Portelli: 2.08.1994
[4] art.455(1) u (3) tal-Kodici Civili tagħna (Kap.16))
[5] Digesto Italiano: vol.XXI.pt.3 pag 151 per V.Galante
[6] art.469(1) tal-Kap.16
[7] op.cit.pag.153
[8] art.469(2) tal-Kap.16

*sul suolo ,il quale prima della costruzione servivagli di transito per giungere alla pubblica via.*" [9]

L-attriċi rritornat mis-safar fis-sena 1991,[10] u kien biss minn dak iż-żmien li bdiet taħdem, il-porzjon li messa bil-prelegat imħolli lilha minn missierha, għax sa dakinhar kollox kien għadu f'idejn ħuha Pawlu Cauchi. Għalhekk żgur li sakemm ġiet intavolata din il-kawża fl-2005 ma laħqux għaddew it-tletin sena meħtieġa mil-liġi sabiex setgħet akkwistat xi dritt ta' aċċess minn fuq raba' ta' terzi.

Ma jibqa' għalhekk l-ebda dubbju li l-aċċess għar-raba tal-attriċi huwa mill-istess post li kien jutilizza missierha meta r-raba' tiegħu kienet għadha biċċa waħda. L-aċċess li kellu dan ir-raba', meta kien għadu f'idejn missier il-kontendenti, kien minn bieb li jagħti għat-triq pubblika, fil-porzjon li skont it-testment imsemmi tiegħu ġie imħolli lill-konvenuti Pawlu u Karmenu aħwa Cauchi.[11] Il-kontendenti kollha messithom biċċa art b'ċens fuq in-naħa tal-punent tal-linja A F delineata fuq il-pjanta annessa ma' dan it-testment, u parti qbiela li tiġi fuq in-naħa tal-lvant tal-istess linja.[12] Għalhekk lanqas għandu jkun hemm xi dubbju dwar it-titolu ta' proprjeta' tal-attriċi fuq il-parti miżmuma b'ċens. Dan ifissier li sabiex taċċedi għar-raba tagħha, li spiċċat interkjuża bil-qasma li seħħet permezz tat-testment ta' missierha, l-attriċi trid neċessarjament tgħaddi mill-bieb indikat, imbgħad minn passaġġ li hemm ma' ġenb kmamar agrikoli li hemm kif tidħol minn fejn dan il-bieb, tirfes fuq ir-raba tal-konvenuti Pawlu u Karmenu Cauchi, imbagħad fuq ta' oħtha, l-kjamata fil-kawża Maria Grima, u b'hekk tiġi fir-raba tagħha. Billi l-passaġġ, kif hekk deskritt jiġi kollu fuq il-parti tar-raba pposseduta mill-kontendenti b'titolu ta' enfitewsi temporanju, m'hemm ebda problema dwar xi ħolqien ta' servitu' fuq beni tas-sidien tal-parti mir-raba' pposseduta bi qbiela.

---

[9] Demolombe: Corso di Diritto Civile: vol.Vi -XI no.605 ed.Par.
[10] Ara affidavit ta' bin l-attriċi, Charles Muscat, Dok.CM a fol 28 -29
[11] Ara artikolu II ta' dan it-testment; dan il-bieb huwa fil-bidu tal-passagg immakat bil-kulur ahdar fuq il-pjanta Dok.RM 3 a fol. 27 tal-process
[12] Ara artikolu II tal-istess testment u pjanta a fol.133

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-kjamata fil-kawża;

1. tilqa′ l-ewwel talba u tiddikjara illi r-raba′ tal-attriċi hija interkjuża u ma għandha ebda aċċess għat-triq pubblika, u din l-interkjużura avverat ruħha wara d-diviżjoni materjali tar-raba′ li ġiet imħollija f′diversi porzjonijiet distinti, permezz tat-testment ta′ missierhom tat-8 ta′ Ġunju 1981;

2. tiddikjara għalhekk illi l-konvenuti u l-kjamata fil-kawża huma obbligati skont il-liġi li jagħtuha l-aċċess meħtieġ sabiex tilħaq it-triq pubblika, u dan ai termini tal-artikolu 448 tal-Kodiċi Ċivili;

3. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra, billi mhux il-każ.

Bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi minn din il-Qorti bis-sentenza tagħha tas-6 ta′ Mejju 2009 u dik tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta′ April 2012, ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------